# FIL-QORTI ĊIVILI – SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum il-Ġimgħa, 7 ta' Lulju, 2023

**Kawża Nru. 1**

**Rik. Nru. 39/2022 ISB**

**Av Dr Andrew Borg Cardona (ID 818655M) bhala mandatarju ta' l-assenti Maurizio Giuseppe Tomasselli (ID Taljana AU87277234)**

**vs**

**Reġistratur tal-Kumpanniji**

**Il-Qorti,**

Rat **ir-rikors** tar-rikorrenti **l-Av Dr Andrew Borg Cardona noe**, intavolat fis-6 ta' April 2022, li permezz tiegħu hija talbet lil-Qorti sabiex :-

*joghgobha tordna li l-isem tal-kumpanija North Company Limited jerga' jidhol fir-Registru tal-Kumpanijia, b'dawk id-direzzjonijiet u*

*provvedimenti li jidhrilha xierqa fic-cirkostanzi, u dan a tenur tas-Subartiklu 4 tal-Artiklu 325 tal-Kap 386.*

U dan wara li ppermetta:

*Hu awtorizzat jaghmel dawn il-proceduri ai termini tal-prokura moghtija lilu annessa Dok A*

*In forza tal-poteri moghtija lilu mis-Subartiklu 2 tal-Artiklu 325 tal-Kap 386 l-intimat kif jidher mill-anness Dok B hassar l-isem tal-kumpanija North Company Limited (C-52070) b'effett mit-23 ta' Gunju 2021*

*Il-mandanti tar-rikorrent noe li hu azzjonist ta' North Company Ltd ma jirresjedix Malta u ma rceviex notifiki mir-Registratur tal-Kumpaniji dwar it-tnehhija kkontemplata tal-kumpanija North Company Limited mir-Registru peress illi dawn gew mibghuta fl-ufficcju registrat izda f'dak iz-zmien is-'Service Provider' kien tilef il-kuntatt ma' North Company Ltd u fl-istess zmien kien bidel ir-"Registered Address" tieghu ukoll*

*Il-mandanti tar-rikorrent ircieva Dok C anness mill-ufficcju tal-Commissioner for Revenue, fejn kif jidher qed jintalab li jhallas s-somma ta' €380,560.46c ghar-ragunijiet hemm indikati li jidher li jirelataw ma' stimi peress illi l-VAT Returns ma kienux qed jigu mibghuta*

*Biex ikun jista' jirregola l-pozizzjoni mad-Dipartiment tal-VAT, u dan wara li ndaga dwar l-istess tramite konsulenti mqabbdin minnu, il-mandant tar-rikorrenti jehtieg illi jagixxi f'isem il-kumpanija North Company Limited biex ir-'returns' rilevanti jigu sottomessi u l-hlas ta' taxxa attwalment dovuta (jekk hemm tali ammont dovut) tigi effettwata: dan naturalment jirrikjedi ill l-kumpanija North Company Limited tigi mill-gdid impoggija fir-Registru tal-Kumpaniji*

*Fid-dawl ta' dak suespost, hu sottomess umilment illi r-rikorrent ghandu l-interess guridiku rikjest u illi hu ggustifikat illi jhoss ruhhu aggravat mid-decizjoni tar-Registratur peress illi l-istatus bhala 'registered' tal-kumpanija fuq ir-Registru tal-Kumpaniji hu sine qua non biex l-ezercizzju li jrid isir mal-Commissioner for Revenue jigi mwettaq b'dan illi l-inkartament necessarju tal-VAT jigi kompletat u l-istimi riveduti u t-taxxa attwalment dovuta tigi mhallsa.*

Rat **id-dokumenti** ppreżentati mar-rikors (fol 3 sa fol 6)

Rat **id-digriet** tagħha tat-22 ta' April 2022 minn fejn jirrizulta illi r-rikors kien appuntat għas-smigħ għall-udjenza tat-3 ta' Gunju 2022 fl-12:00p.m., u fejn kienet ordnata n-notifika tar-rikors lir-Reġistratur tal-Kumpaniji b'għoxrin jum żmien għar-risposta.

Rat in-nota tar-rikorrenti noe. tat-3 ta' Mejju 2022.

Rat illi fis-26 ta' Mejju 2022, ir-**Reġistratur tal-Kumpaniji** intimat ppreżenta **ir-risposta** tiegħu (fol 13) bid-dokumenti hemmek annessi, li permezz tagħha, huwa sostna:

*Illi l-kumpanija North Company Limited (C 52070) kienet ġiet reġistrata fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji ("Reġistru"), fit-22 ta' Frar tal-2011;*

*Illi fiż-żmien li damet fuq ir-Reġistru, il-kumpanija naqset mill-obbligi tagħha illi tibgħat kontijiet u prospetti annwali lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni ai termini tal-Att dwar il-Kumpaniji. Tant hu hekk illi l-aħħar kont annwali reġistrat mar-Reġistratur tal-Kumpaniji kien dak tas-sena 2015 u l-aħħar prospett annwali kien tas-sena 2013;*

*Illi apparti dan, il-kumpanija in kwistjoni, naqset ukoll mill-obbligi tagħha mposti mill-Avviż Legali 247 tal-2020 u għaldaqstant baqgħet qatt ma daħħlet l-informazzjoni meħtieġa mar-Reġistratur tal-Kumpaniji dwar is-sidien benefiċċjarji;*

*Illi in vista tas-suespost, ir-Reġistratur proċediet sabiex kitbet lill-kumpanija sabiex tavżaha illi l-isem tal-kumpanija kien ser jiġi mħassar minn fuq ir-Reġistru kemm il-darba ma tintweriex raġuni sabiex dan ma jseħħx;*

*Illi r-Reġistratur bagħtet l-ewwel avviż permezz ta' ittra lill-kumpanija (annessi u mmarkati bħala Dok. 'A', l-ittri u l-pubblikazzjonijiet kollha maħruġa mir-Reġistratur) fuq l-indirizz reġistrat tagħha li huwa, "Anutruf", Level 3, Triq il-Ħriereb, Msida, MSD 1675. L-ittra ntbagħtet ukoll lid-diretturi Antonino Casano fl-indirizz Via Efebo 19, 90044*

*Carini, Palermo, lil Maurizio Giuseppe Tomaselli fl-indirizz Via Regina Bianca 102, Catania 95126 u Salvatore Porto fl-indirizz Via Lampedusa 8, San Giovanni La Punta, Catania, datati 8 ta' Frar 2021;*

*Illi f'din l-ittra l-kumpanija ġiet infurmata illi la darba kienet ilha snin tonqos mill-obbligi tagħha skont ir-Regolamenti 8 u 9 (2) tal-Companies Act (Register of Beneficial Ownership Regulations), f'każ li ma tweġibx l-ewwel ittra fi żmien xahar u tweġiba għall-avviż fi zmien tliet xhur, ir-Reġistratur kienet se tkompli bil-proċess ta' tħassir tal-isem tal-kumpanija;*

*Illi fit- 23 ta' Marzu 2021, inħarġet pubblikazzjoni fuq Times of Malta fejn isem il-kumpanija kien wieħed fost oħrajn illi kien ser jiġi mneħħi minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji fi żmien tliet xhur, la darba ma jkunx hemm oġġezzjoni għal dan;*

*Illi r-rikorrent qed jgħid illi huwa ġġustifikat illi jħoss ruħu aggravat mid-deċiżjoni tar-Reġistratur li tħassar l-isem tal-kumpanija. Madanakollu ta' min jispeċifika illi r-Reġistratur mxiet skont il-liġi u tassew infurmat lid-diretturi permezz ta' ittra fl-indirizz reġistrat tal-kumpanija u fl-indirizzi tad-diretturi, hekk kif ġew indikati meta ġiet reġistrata l-kumpanija. Illi kien l-obbligu tal-uffiċjali tal-kumpanija u ċioe tar-rikorrent fil-kwalita' tiegħu ta' wieħed mid-diretturi u azzjonist tal-kumpanija de quo illi jinfurmaw lir-Reġistratur b'kull tibdil li seta' seħħ biex jassiguraw li r-Reġistratur ikollha informazzjoni korretta;*

*Illi ta' min jiġi rrimarkat kif ir-rikorrent qatt ma oġġezzjona għal tali proċess matul il-perjodu ta' tliet xhur provdut mir-Reġistratur għal-ġid ta' kull min seta qatt kellu interess jagħmel dan;*

*Illi fil-frattemp ir-Reġistratur baqgħet qatt ma rċeviet l-ebda tip ta' risposta jew dokumenti pendenti mingħand il-kumpanija u għaldaqstant fit-23 ta' Ġunju 2021, li jaħbat tliet xhur mill-pubblikazzjoni msemmija hawn fuq, l-esponent ħareġ avviż fuq website miżmuma minnha fejn ġie avżat illi l-isem tal-kumpanija in kwistjoni kien ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru;*

*Illi r-rikors qiegħed isir fiż-żmien il-ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir u għalhekk għadu fiż-żmien stipulat mil-liġi;*

*Illi jidher biċ-ċar illi l-uffiċjali tas-soċjeta' rikorrenti qatt ma kellhom interess li jimxu b'konformita' mal-liġi dwar il-kumpaniji u infatti naqsu milli jirreġistraw dokumenti mandatorji, inkluż ukoll l-informazzjoni dwar is-sidien benefiċċjarji mar-Reġistratur għal numru twal ta' snin, minkejja diversi notifiki li kienu jintbagħtu lilhom;*

*Illi di piu, din il-kawża qed issir sempliċiment biex ikun jista' jsir l-eżerċizzju ta' regolarizzazzjoni mal-Commissioner for Revenue;*

*Illi r-rikorrent injora wkoll il-multi illi jfakkruh f'tali nuqqas u qatt ma affettwa l-pagamenti tal-multi. Illi l-pagamenti pendenti fuq nuqqas ta' reġistrazzjoni ta' prospetti annwali jammontaw għal EUR 1,260, filwaqt li l-penali fuq nuqqas ta' reġistrazzjoni ta' dawn il-prospetti u kif ukoll tal-informazzjoni dwar is-sidien benefiċċjarji u tal-kontijiet annwali jammontaw għal EUR 11,055; biex b'hekk l-ammont dovut a kreditu tar-Reġistratur jammonta għal total ta' EUR 12,315;*

*Illi filwaqt illi r-Reġistratur tixtieq illi jekk il-kumpanija terġa titpoġġa fuq ir-Reġistru, tali kumpanija għandha tissottometti d-dokumentazzjoni*

*kollha meħtieġa (inkluż il-prospetti annwali, l-kontijiet annwali u l-informazzjoni dwar is-sid/ien benefiċċjarji tal-kumpanija) u dan ukoll sabiex jiġu salvagwardjati l-interessi tat-terzi persuni. Ir-Reġistratur qiegħda umilment tissolleva illi qiegħda tħalli f'idejn din l-Onorabbli Qorti u fil-provi sabiex jiġu magħrufin il-passi illi għandhom jittieħdu min-naħa tagħha sabiex il-pożizzjoni tal-kumpanija in kwistjoni tiġi rattifikata;*

*Illi l-kumpanija ma tistax tiġi riattivata skont l-artikolu 325(4) tal-Att dwar il-Kumpaniji kif speċifikat fir-rikors odjern imma skont ir-Regolament 9(4) tal-Companies Act (Register of Beneficial Owners) Regulations għaliex taħt dan ir-regolament ġiet mħassra tali kumpanija;*

*Illi għaldaqstant hija lesta li toqgħod għal kull direzzjoni u provediment illi din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni fiċ-ċirkustanzi partikulari ta' dan il-każ.*

*Bl-ispejjeż.*

Rat illi fl-udjenza tat-3 ta' Gunju 2022, dehru l-Avukati Evelyn Borg Costanzi u Matthew Cutajar ghar-rikorrent nomine u dehret l-Avukat Claudette Fenech għar-Reġistratur tal-Kumpanniji, u jirrizulta illi dak in-nhar id-difensuri tar-rikorren noe. ddikjaraw illi l-patrocinat taghhom kien dispost jirregolarizza l-pendenzi tal-kumpannija de quo mar-Registratur intimat.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-14 ta' Ottubru 2022, minn fejn jirrizulta illi kien hemm qbil bejn id-difensuri tal-partijiet li jigi koncess ftit aktar zmien ghall-istess skop tal-verbal precedenti.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-18 ta' Jannar 2023 minn fejn jirrizulta illi sa dak in-nhar kienu thallsu l-penalitajiet pendenti u kien jonqos biss illi jigu sottomessi l-BO Forms.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-14 ta' April 2023 minn fejn jirrizulta illi l-partijiet talba ftit aktar zmien sabiex jirregolarizzaw il-pendenzi li kien fadal.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-16 ta' Gunju 2023 minn fejn jirrizulta qbil bejn id-difensuri illi l-kawza setghet tithalla ghall-llum ghall-provvediment.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat**:

Illi jirriżulta illi din hija azzjoni mressqa mis-soċjeta' rikorrenti ai termini tal-**Artiklu 325(4) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta**, u li permezz tagħha, r-rikorrenti noe. qed jitlob ir-rivvavviment tal-kumpanija kummercjali **North Company Limited (C-52070)**, liema kumpanija tħassret minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji fit-23 ta' Ġunju 2021.

Ir-Rikorrent jispjega illi huwa ma jabitax Malta u allura qatt ma rcieva notifiki mill-Malta Business Registry, b'dana kollu ghandu interess illi jirriattiva l-kumpannija msemmija peress illi din ghandha pendenzi mad-Dipartiment tat-Taxxi.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi l-intimat Reġistratur jgħid illi l-kumpanija msemmija kienet naqqset mill-obbligi tagħha mar-Reġistratur, li tibgħat kontijiet u prospetti annwali, bl-ahhar kont annwali ppresentat kien ghas-sena 2015 u l-ahhar prospett ppresentat kien dak ghas-sena 2013.

Illi minkejja illi gharraf b'diversi korrispondenza lill-kumpannija u lill-membri taghha, din baqghet inadempjenti u allura kellu kull raġuni valida fil-ligi biex jikkanċella l-kumpanija u għadda mill-proċeduri kollha li trid il-liġi biex sar dan u kienu akkumulaw *registration fees* u penali kif indikat fir-risposta.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi jirriżulta illi din hija azzjoni mressqa mis-soċjeta rikorrenti ai termini tal-**Artiklu 325(4) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta**. Ir-rikorrenti huwa azzjonista fil-kumpanija **North Company Limited (C-52070)**, liema kumpanija tħassret minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji fit-23 ta' Gunju 2021.

Illi, f'dan il-kuntest, ir-rikorrenti għandu kull interess illi l-istess kumpanija terġa' titqiegħed fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji u dana stante partikolarment il-fatt li l-kumpanija ghandha pendenzi mal-VAT Department illi trid tarahom.

Illi r-rikorrenti iddikjara mill-bidu, sa` mill-ewwel udjenza quddiem din il-Qorti, illi huwa kien lest li jieħu kull azzjoni meħtieġa sabiex tiġi regolarizzata l-pożizzjoni tal-kumpanija in kwistjoni **North Company Limited (C-52070)**.

Illi l-intimat Reġistratur jgħid illi l-kumpanija msemmija kienet naqqset mill-obbligi tagħha mar-Reġistratur, li tibgħat kontijiet u prospetti annwali, kif ukoll naqqset milli tissottometti informazzjoni dwar is-sidien benefiċċjarji tagħha. Illi għalhekk kellu kull raġuni valida fil-ligi biex jikkanċella l-kumpanija u għadda mill-proċeduri kollha li trid il-liġi biex sar dan u kienu akkumulaw *registration fees* u penali kif indikat fir-risposta.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

**Art. 325(4) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta:**

> *Jekk membru jew kreditur tal-kumpanija, jew xi persuna oħra li fil-fehma tal-Qorti jkollha interess li tħossha aggravata bil-fatt li l-isem tal-kumpanija jkun tħassar minn fuq ir-Reġistru bis-saħħa ta' dan l-artikolu, il-Qorti, fuq rikors magħmul mill-membru jew kreditur jew minn dik il-persuna l-oħra, qabel ma jgħaddu ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir provdut fis-subartikoli (2) u (3), tista', jekk tkun sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru, tordna li dak l-isem jerġa' jidħol fir-reġistru, u mal-konsenja ta' kopja uffiċjali tal-ordni mir-Reġistratur tal-Qrati lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni, il-kumpanija għandha titqies li kompliet bl-eżistenza tagħha daqslikieku isimha ma kienx tħassar; u l-Qorti tista' bl-ordni tagħha tagħti dawk id-direzzjonijiet u tagħmel dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa biex il-kumpanija u l-persuni l-oħra kollha jitqiegħdu fl-istess pożizzjoni kemm jista' jkun viċin dik li kieku l-isem tal-kumpanija ma jkunx tħassar. Ir-Reġistratur għandu minnufih jgħaddi biex jippubblika avviż fil-Gazzetta jew fuq website miżmuma mir-Reġistratur u f'gazzetta li toħroġ kuljum li ċ-ċirkolazzjoni tagħha tkun għal kollox jew prinċipalment f'Malta u l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru.*

Il-Qorti qieset u fliet ir-rekwiżiti li hemm bżonn biex kumpanija kummerċjali li tneħħiet minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji terġa' ssib postha fuqu ai termini tas-Sub-Artiklu appena ċitat.

M'hemmx dubbju illi għadhom ma għaddewx il-ħames snin minn meta il-kumpanija **North Company Limited (C-52070)** ġiet ikkanċellata minn fuq ir-Reġistru.

Id-dokumenti ppreżentati jitkellmu waħedhom u ma jirriżultax lanqas kontestazzjoni dwar il-fatti li irriżultaw.

Il-Qorti pero`, kif tagħmel dejjem f'ċirkostanzi bħal dawn u qabel ma tgħaddi għall-provvediment, tqis id-disponibilita' li kellu, f'dan il-kaz, ir-rikorrenti illi jirregolarizza l-affarijiet tal-kumpanija **North Company Limited (C-52070)** mar-Reġistratur intimat. F'dan il-każ, ir-rikorrenti żamm il-kelma u l-promessa magħmula minnhu, tant illi l-Qorti ġiet mgħarrfa illi l-pendenzi kollha kienu ġew regolarizzati.

Bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet għalhekk, il-Qorti ġiet mistiedna tgħaddi għall-provvediment.

**GĦALDAQSTANT**, fid-dawl tal-provvedimenti tal-KAP 386 hawn fuq ċitati u fid-dawl ta' dak hawn fuq kkunsidrat, il-Qorti jidhrilha illi jkun ġust u ekwu illi tilqa' t-talbiet tar-rikorrent u dana billi:

1. **Fl-ewwel lok**, tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex, ai termini tal-Artiklu 325(4) tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta[1], fi żmien ħmistax il-jum, jerġa' jdaħħal l-isem ta' **North Company Limited (C-52070)** fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji, biex b'hekk titqies illi kompliet bl-eżistenza tagħha daqs li kieku isimha ma kienx tħassar minn fuq ir-Reġistru.

2. **Fit-tieni lok** tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex iwettaq dawk il-pubblikazzjonijiet kollha mehtiega ai termini tal-liġi relattiva għal tali inserzjoni mill-ġdid tal-kumpannija msemmija fir-Reġistru tal-Kumpanniji.

3. **Fit-tielet lok**, tordna, illi l-isem ta' **North Company Limited (C-52070)** jitpoġġa lura fuq tali Reġistru tal-Kumpanniji.

4. **Fil-raba' lok**, tordna illi l-ispejjes ta' din il-procedura u kif ukoll kwasliasi spejjes illi seta' nkorra r-Registratur intimat biex ihehhi l-kumpannija minn fuq ir-Registru tal-kumpanniji u dawk li ghad jista' jinkorri ir-Reġistratur intimat sabiex jirrestitwixxi isem il-kumpannija **North Company Limited (C-52070)** fuq ir-Reġistru tal-kumpanniji jkunu a karigu tas-soċjeta rikorrenti.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imħallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**

[1] U b' digriet tat-3 t' Awwissu, 2023 il-kliem "ai termini tal-Artiklu 325(4) tal-Kap. 356 tal-Liġijiet ta' Malta" ġie sostitwit bil-kliem "ai termini tal-Regolament 9(4) tal-Companies Act (Register of Beneficial Owners) Regulations".